



Brussell, 23 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14276/21

IPCR 147
AG 106
RELEX 1011
JAI 1287
PROCIV 153
CSDP/PSDC 605
COCON 75
COTER 156
HYBRID 72
SAN 698
MI 878
CYBER 306

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14088/21 + REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tat-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tat-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri, adottati fit-3829 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-23 ta' Novembru 2021.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TISĦIĦ TAT-THEJJJA, IL-KAPAĊITÀ
TA' RISPONS U R-REŻILJENZA GĦAL KRIŻIJIET FUTURI**

1. Il-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2021 stieden lill-Presidenza biex tmexxi 'l quddiem il-ħidma fil-Kunsill biex jissaħħu l-istat tat-thejjja, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza kollettivi tagħna għal kriżijiet futuri u biex jitħares il-funzjonament tas-suq intern. Il-Ministri għall-Affarijiet Ewropej, fil-laqgħa informali tagħhom f'Lulju 2021 fi Brdo sussegwentement appoġġaw l-isforzi tal-Presidenza lejn rispons aktar komprensiv għall-kriżijiet.
2. L-Unjoni Ewropea ffaċċjat bosta kriżijiet matul l-istorja tagħha u gradwalment implimentat bidliet politiċi u istituzzjonali mfassla biex itejbu l-kapaċità tagħha li tindirizza kriżijiet futuri. Il-kriżijiet qed isiru dejjem aktar kumplessi, transfruntiera u multidimensjonali u għalhekk jista' jkollhom effett dejjem aktar negattiv fuq l-UE, l-Istati Membri tagħha u ċ-ċittadini tagħhom.
3. Il-ħolqien tal-Arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) fl-2013, taħt is-sorveljanza tal-COREPER, diġà kien pass importanti lejn l-appoġġ ta' għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni u biex jikkontribwixxi għal teħid ta' deċiżjonijiet koeżiv fil-livell politiku tal-UE b'rispons għal avvenimenti ta' kriżi maġġuri transsettorjali, għall-benefiċċju tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Madankollu, ir-rispons għall-kriżijiet jeħtieġ li jevolvi, mhux l-inqas billi jittieħdu t-tagħlimiet mis-suċċessi u n-nuqqasijiet identifikati wara dawn il-konsegwenzi, b'mod partikolari mill-attivazzjonijiet tal-IPCR għall-kriżijiet tal-migrazzjoni u tal-COVID-19 li għaddejjin bħalissa. Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni transsettorjali u transfruntiera mtejba bejn l-Istati Membri u l-appoġġ fil-livell tal-UE huma essenzjali biex ikun hemm rispons effettiv għall-kriżijiet fl-interess ta' ċittadini Ewropej u b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali u tal-UE. Ir-rispons tal-UE għal kriżijiet futuri għandu jibni wkoll fuq u jsaħħaħ kif xieraq il-mekkaniżmi eżistenti ta' kooperazzjoni transfruntiera fil-livelli kollha u jirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali.

4. Ħafna mit-tagħlimiet meħuda dan l-aħħar jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19. Minkejja n-nuqqasijiet, l-UE mxiet tajjeb, grazzi għall-koordinazzjoni u s-solidarjetà. Filwaqt li kixfet lakuni f'termini ta' tħejjija u rispons għal kriżijiet transsettorjali, ir-rispons tagħna għall-pandemija wera l-ħtieġa u l-valur miżjud li naħdmu flimkien. L-użu tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni konsulari tal-UE għar-ripatrijazzjoni b'suċċess mill-Istati Membri b'appoġġ mis-SEAE u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) ta' ċittadini tal-UE maqbuda barra mill-pajjiż minħabba restrizzjonijiet ta' vvjaġġar ta' emerġenza, l-adozzjoni u l-introduzzjoni b'suċċess taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, kif ukoll ir-riżultati fil-bieċa l-kbira pożittivi rigward il-produzzjoni, l-akkwist u l-kondiviżjoni tal-vaċċini, huma eżempji partikolarment viżibbli tal-valur tal-kooperazzjoni tal-UE. Miżuri temporanji fil-livell tal-UE fl-oqsma tal-governanza ekonomika u l-ġestjoni u l-użu flessibbli tal-finanżjament Ewropew kienu deċiżivi fil-preservazzjoni tar-reżiljenza u l-iffaċilitar tal-irkupru tal-ekonomiji tal-Istati Membri.
5. Fil-futur, l-UE trid tkun lesta wkoll biex tiffaċċa kriżijiet akuti ta' natura differenti, li jistgħu jkunu multidimensjonali, ta' natura ibrida, ikollhom effetti kaskata jew iseħħu simultanjament. Dan ser jirrikjedi ġestjoni transsettorjali u transfruntiera mtejba tal-kriżijiet, inkluż analiżi tar-riskju u prospettiva strateġika għal azzjoni antiċipatorja aħjar, prevenzjoni, tħejjija u rispons, f'approċċ li jkopri l-perikli kollha, sabiex tiġi infurmata azzjoni fit-tul biex tinbena reżiljenza għall-isfidi. Il-mekkaniżmi disponibbli tal-UE, inkluż l-interazzjoni tagħhom ma' mekkaniżmi globali, għandhom jiġu rieżaminati regolarment mill-Kunsill sabiex jiġi żgurat li jibqgħu adatti għall-iskop tagħhom.

It-tisħiħ tar-rispons u t-tħejjija għall-kriżijiet transsettorjali

6. Fi żminijiet ta' kriżi, għandha tiġi garantita l-operazzjoni kontinwa tal-UE, l-istituzzjonijiet u l-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha. F'dan ir-rigward, il-kriżi tal-COVID-19 uriet ir-rwol ċentrali tal-Kunsill, appoġġat mill-COREPER, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, b'mod partikolari fl-iżgurar ta' koordinazzjoni politika u strateġika effettiva, koerenti u orizzontali bejn l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-arranġamenti tal-IPCR taw kontribut importanti għall-koordinazzjoni u r-rispons f'waqthom taħt l-awtorità tal-COREPER.

7. Fil-futur, il-koordinazzjoni u t-tmexxija politika transsettorjali u transfruntiera tar-rispons għall-kriżijiet ser isiru aktar importanti. Il-COREPER ser ikompli jkollu rwol ewlieni fit-tnejn għal u r-rispons għal kriżijiet bħal dawn. B'mod partikolari, għandhom jittieħdu lezzjonijiet minn kriżijiet tal-passat dwar kif il-ħidma tal-Kunsill tista' tittejjeb aktar u ssir aktar effettiva, inkluż dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni b'linji gwida u regoli proċedurali flessibbli u adattabbli biex jinforma r-reazzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'każ ta' kriżi, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà u jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn. Huwa importanti li, minbarra l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-UE, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw l-azzjonijiet nazzjonali maqbula fil-Kunsill u kkoordinati fil-livell tal-UE, b'kont meħud tal-kompetenzi tal-Istati Membri kif adatt.
8. Il-kooperazzjoni u t-trasparenza interistituzzjonali għandhom jgħinu biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' fora u attivitajiet li jikkoinċidu. F'dak ir-rigward, il-kondiviżjoni strutturata tal-informazzjoni u l-għarfien komuni tas-sitwazzjoni fil-livell tal-Kunsill permezz tal-arranġamenti tal-IPCR huma kritiċi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Rispons effettiv għall-kriżijiet ser jeħtieġ ukoll l-iżvilupp ulterjuri ta' mezzi ta' komunikazzjoni siguri u diġitali.
9. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni strateġika u tal-kriżijiet imtejba u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni u l-interferenza tal-informazzjoni huma ta' importanza kruċjali biex jiġu appoġġati l-azzjonijiet u r-rispons għall-kriżijiet u biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-pubbliku.

10. It-tħejjija proattiva għall-kriżijiet teħtieġ prospettiva, rieżami regolari u antiċipazzjoni tar-riskji, l-identifikazzjoni tal-impatti li dawn ir-riskji jista' jkollhom f' setturi differenti, fi Stati Membri individwali u fil-viċinat, u kif dawn l-impatti jistgħu jiġu mitigati u indirizzati bl-aħjar mod. Diġà tteħdu passi importanti biex jissaħħu l-prospettiva u l-kapaċitajiet ta' antiċipazzjoni tar-riskju fil-livell tal-UE, b'mod partikolari permezz tan-*Network* ta' Prospettiva għall-UE, l-aħħar reviżjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), u t-tisħiħ tar-*rescEU* u taċ-*Ċentru* ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC) tal-UE. Il-pjan ta' Azzjoni dwar il-Migrazzjoni u t-Tħejjija huwa maħsub biex itejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni u t-twissija bikrija fil-qasam tal-migrazzjoni, inkluż fir-rigward tal-istrumentalizzazzjoni tal-migranti għal finijiet politiċi. Il-kapaċitajiet fil-livell tal-UE li jappoġġaw u jikkomplementaw l-isforzi ta' prevenzjoni u tħejjija tal-Istati Membri biex jindirizzaw kwalunkwe tip ta' kriżi għandhom jiffokaw fuq oqsma fejn approċċ Ewropew konġunt ikun aktar effettiv minn azzjonijiet nazzjonali separati. Huwa wkoll f' dan id-dawl li l-Kunsill jilqa' n-*Network* stabbilit reċentement tad-Diretturi Ġenerali taċ-*Ċentri* ta' Kriżijiet tal-Istati Membri li jipprovdi għodda għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni u għarfien espert fosthom.

Il-bini u l-monitoraġġ tar-reżiljenza u t-tnaqqis tad-dipendenzi

11. L-UE u s-Suq Uniku ġew ittestjati b'mod sever minn restrizzjonijiet fuq il-provvista u d-domanda, kif ukoll minn kontrolli fil-fruntieri introdotti sabiex titrażżan il-firxa tal-virus wara t-tifqigħa tal-COVID-19. It-tifqigħa enfasizzat il-ħtieġa li jkun hemm kollaborazzjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-Suq Uniku għal interruzzjonijiet, inkluż għal ktajjen tal-provvista u setturi ekonomiċi ewlenin tal-UE, bħall-farmaċewtiċi, l-apparat mediku u s-semikondutturi, filwaqt li titqies ukoll is-sitwazzjoni tal-komunitajiet transfruntiera u r-reġjuni ta' tranżitu vitali. Minħabba r-rwol indispensabbli tas-Suq Uniku għall-UE, il-Kunsill jenfasizza li l-miżuri relatati mal-kriżi għandhom ikunu temporanji, proporzjonati u kkoordinati bis-sħiħ, bil-għan li jerġa' jibda malajr kemm jista' jkun il-funzjonament normali tas-Suq Uniku, inkluż il-moviment liberu tal-persuni, il-merkanzija, is-servizzi u l-kapital kif previst fit-Trattati.

12. Sabiex jiġi żgurat Suq Uniku b'saħħtu, reżiljenti u li jiffunzjona bis-sħiħ, jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet xierqa biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll biex jiġu indirizzati d-dipendenzi strateġiċi. Barra minn hekk, l-aġġornament tal-istrateġija industrijali għall-Ewropa jqis it-tagħlimiet li ttieħdu s'issa mill-kriżi tal-COVID-19. Ir-rapport ta' Prospettiva Strateġika 2021 tal-Kummissjoni jikkostitwixxi wkoll kontribut f'dan ir-rigward. L-aċċellerazzjoni tal-irkupru ser teħtieġ investment pubbliku u privat sostnut u mmirat, filwaqt li tinżamm is-sostenibbiltà fiskali.

Il-passi li jmiss

13. Il-Kunsill Affarijiet Ġenerali ser jerġa' lura għall-kwistjoni tat-tisħiħ tat-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza kollettiva tagħna għal kriżijiet futuri fuq bażi regolari.
14. Huwa jhegġegħ lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jippreżentaw aktar kontribut dwar it-tagħlimiet addizzjonali meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 biex jirrispondu għal kriżijiet mhux relatati mas-saħħa.
15. L-arranġamenti tal-IPCR urew li huma strument flessibbli u utli biex jiġu indirizzati l-isfidi immedjati fi żminijiet ta' kriżi. Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' rispons għall-kriżijiet tal-Kunsill jibqa' adatt għall-iskop tiegħu, il-Kunsill ser jirrieżamina sa Ġunju 2022 jekk l-arranġamenti tal-IPCR jeħtiġux titjib jew tisħiħ, b'mod partikolari fl-oqsma ta' antiċipazzjoni u tħejjija, filwaqt li jieħu t-tagħlimiet identifikati mill-attivazzjonijiet tal-IPCR għall-kriżi tal-migrazzjoni u l-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll l-eżerċizzji tal-imġhoddi ta' ġestjoni ta' kriżijiet u l-esperjenzi rilevanti fil-livell tal-Istati Membri li għandhom jitqiesu fid-diskussjonijiet fil-Kunsill. Dan jinkludi l-kunsiderazzjoni ta' kif jistgħu jiġu involuti aħjar l-istrutturi nazzjonali ta' ġestjoni tal-kriżijiet, skont ir-regoli u l-proċeduri tal-Kunsill.

16. Sabiex jissaħħu r-reżiljenza, it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet, il-Kunsill, fost l-oħrajn:

Dwar ir-reżiljenza:

- jirrikonoxxi l-importanza ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza għall-iżvilupp tal-għanijiet ta' reżiljenza għad-diżastri tal-Unjoni sa tmiem l-2022, filwaqt li jitqiesu l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda minn oqfsa ta' reżiljenza nazzjonali u internazzjonali eżistenti;
- jilqa' d-dashboards tar-reżiljenza żviluppati mill-Kummissjoni, li għandhom jiġu rfinuti aktar flimkien mal-Istati Membri, bħala għodda ġdida u komplementari għall-monitoraġġ tar-reżiljenza;
- jilqa' l-intenzjoni li jitnieda n-Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili f'Diċembru 2021 u jistieden lill-Kummissjoni, filwaqt li taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, biex tinvolvi n-Network tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili fl-għanijiet ta' reżiljenza għad-diżastri fl-Unjoni kollha, ir-rieżami tar-riskju u l-bini tax-xenarji;
- ifakkar fil-hteġa li jsir progress fil-ħidma fil-qasam tat-tisħiħ tar-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi u s-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni;
- jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li jingħata segwitu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija industrijali, b'mod partikolari billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-Suq Uniku u jiġu indirizzati d-dipendenzi;
- jilqa' l-isforzi kontinwi lejn Boxxla Strateġika ambizzjuża u azzjonabbli dwar is-Sigurtà u d-Difiża.

Dwar it-thejjija:

- jistenna bil-ħerqa r-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tat-Tħejjija, li għandu jqis il-kompetenzi nazzjonali u jinkludi informazzjoni dwar il-kapaċitajiet, l-għodod, il-ħiliet u l-bini ta' xenarji disponibbli, u jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet ta' politika fil-livell strateġiku, inkluż dwar aspetti transfruntiera;

- jappella għal implimentazzjoni aktar konsistenti tad-diversi politiki ta' thejjiġa u eżerċizzju tal-UE, inklużi dawk taħt l-arranġamenti tal-IPCR;
- jilqa' l-isforzi li saru biex jiġu stabbiliti Unjoni Ewropea tas-Saħħa u l-Awtorità għat-Thejjiġa u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA), u jappella għal rwol imsaħħaħ tal-Istati Membri fil-governanza tal-HERA, kif ukoll għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-WHO;
- jistenna bil-ħerqa li jirċievi mill-Kummissjoni l-pjan ta' kontinġenza għat-trasport mitlub mill-Kunsill fit-23 ta' Ottubru 2020;
- jilqa' l-pjan ta' kontinġenza ppreżentat mill-Kummissjoni dwar il-provvista tal-ikel u s-sigurtà alimentari fi żminijiet ta' kriżi;
- jissottolinja l-importanza li jiġi żviluppat aktar il-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà u rispons effiċjenti fil-livell tal-UE għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira.

Dwar ir-rispons għall-kriżijiet:

- jirrakkomanda li titkompla l-ħidma biex jittejbu l-arranġamenti tal-Kunsill għar-rispons għall-kriżijiet u t-tmexxija u l-koordinazzjoni politiċi ġenerali;
- jilqa' r-rwol taċ-Ċentru ta' Rispons u Koordinazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC) tal-Kummissjoni inkluż fl-appoġġ għall-antiċipazzjoni effettiva tal-kriżijiet u l-koordinazzjoni operazzjonali transsettorjali b'reazzjoni għal firxa wiesgħa ta' kriżijiet, billi jikkoordina mal-istrumenti l-oħra tal-UE ta' rispons għall-kriżijiet u jassisti lill-IPCR;

- jieħu nota tal-ħidma tal-Kummissjoni dwar proposta għal Strument għas-suq uniku f'emerġenza (SMEI) immirat biex itaffi l-impatti negattivi tal-kriżijiet fuq is-Suq Uniku, kif ukoll jaħdem fuq reviżjoni possibbli tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen;
 - jissottolinja fejn rilevanti l-importanza tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni konsulari matul il-kriżijiet u l-ħtieġa li jinsiltu tagħlimiet mir-rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19 u kriżijiet oħra, u jistenna l-preżentazzjoni ta' proposta tal-Kummissjoni fl-2022 dwar reviżjoni tad-direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni konsulari.
17. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'konformità mal-valuri u l-prinċipji tal-UE, b'mod partikolari fil-viċinat tal-UE, kif ukoll organizzazzjonijiet u sħab internazzjonali oħra fir-rigward ta' kriżijiet futuri.
18. Il-Kunsill jistenna b'interess li l-Kunsill Ewropew jieħu kont tal-ħidma dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u r-reżiljenza fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru.
-